MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 28 – 4 Leġiżlatura**

**It-Tnejn 25 ta' Marzu 2024**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28, Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u b'mod virtwali fil-5.30pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Ħal Luqa | Is-Sur John Schembri |
| Kunsillier Ħamrun | Is-Sinjura Carmen Borg |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Viċi President/Sindku | Dr Marija Sara Vella Gafa |
| Sindku Qormi | Nutar Josef Masini Vento |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Santa Luċija | Kapt. Charmaine St John |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Sindku Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku Sa. Doris Abela, Sindku Sur Josef Azzopardi, Sindku Sur Mario Calleja u Sindku Sur Stephen Grech

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Sa. Mariella Strout | Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**28.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija;**

28.1.1 Il-President informa li Kunsill ma kien hemm ittri ta' apoloġija mingħand Sindku Doris Abela, Sindku Mario Calleja, Sindku Josef Azzopardi u Sindku Stephen Grech

**28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

28.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' tmienja u għoxrin (28) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

28.2.2 Wara mozzjoni mressqa mil-Kunsillier Carmen Borg u s-sekondat mis-Sindku John Schembri ,il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

28.2.3 **Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**Valutazzjoni ta' l-Impatt Soċjali -Residenti Barranin**

Il-President informa li il-konferenza dwar ir-rapport ta' Valutazzjoni Impatt Soċjali saret f'29 ta' Frar 2024 u kienet ta' suċċess.

**Kollaborazzjoni ma l-Esplora**

Il-President fakkar lil membri preżenti dwar dan il-kollaborazzjoni fejn il-Kunsill jistaw jibbenifikaw prezz ridott jekk jixtiequ jorganizzaw attivitajiet ma' L-Esplora skont il-kommunikat li ntbagħat.

**28.3 Komunikazzjoni mill-President;**

**28.3.1 Duke of Edinburgh Award**

Il-President informa li Reġjun kien ikkuntattjat mis-Sur Adrian Farrugia Direttur Nazzjonali ta' NGO Duke of Edinburgh's International Award. Is-Sur Farrugia spjega xi u l-għan ta' din l-award u l-benefiċċju li jgawdu żagħżagħ li jipparteċipaw fl-attivitajiet. Dan il-programm huwa rikonoxxut mad-dinja u jservi biex wieħed itejjeb diversi ħiliet u esperjenzi. Il-programm huwa miftuħ għal żagħżagħ ta' età min 13 sa 25 sena, is-Sur Farrugia tenna li huwa jixtieq jaħdem iktar fil-qrib mal-Kunsilli Lokali sabiex iż-żagħżagħ ikunu iktar konxji ta' din l-opportunitajiet. Il -President informa li il-kommunikazzjoni kienet ser tgħidilhom is-Segretarju Eżekuttiv.

28.3.2 **Tournament tal-Futboll – Nursies madwar ir-Reġjun**

Il-President informa li il-Kunsill irċieva proposta mingħand futbol coach Sur James Fenech sabiex jiġi organizzat futbol tournament min nurseries ta' 12 il-lokalita. Dan it-tournament issir Sibt filgħodu fl'25ta' Mejju 2024. Il-loġistika u l-organizzazzjoni ser jieħu ħsieba is-Sur Fenech. Possibbilment ser jintużaw kull futbol ground f'kull lokalita għaliex il-logħob ser ikun qed jintalbu fl-istess ħin. Il-Kunsill Reġjonali ser jagħmel tajjeb għal l-ispejjeż ta' paramediċi/ First Aiders li jkunu presenti f'kull ground, ir-rigal ta' tifkira u ilma u frott għal kull min ser jipparteċipa. Il-President appella sabiex is-Sindku jew Kunsillier responsabbli mill is-sport jkunu preżenti.

Il-Kunsill qabel mal-proposta

28.3.3 **Ikel tradizzjonali Malti**

Il-President informa li rċieva kommunikat mingħand Chef Neil Desira fejn spjega li jixtieq jibda proġett dwar relatat ma l-kċina kulunari Maltija. Is-Sur Desira lest li joffri rati speċjali għal kunsilli u l-entitajiet l-oħra biex b'hekk ikun qed imexxi l-kelma kemm jista' jkun. L-għan tiegħu hu li jmexxi l-edukazzjoni tal-ikel Malti anke b'kollaborazzjoni ma diversi entitajiet governattivi u NGOs. Bħala spejjeż għar-Reġjun mhux ser ikun hemm ħlief li meta jtellgħu l-attivitajiet li jkun ser jidhru fuq il-medja soċjali ta' Reġjun.

Il-Kunsill qabel mal-proposta

28.3.4 **Direttiva mid-DLG dwar il- COLA**

Il-President informa li Reġjun irċieva Direttiva mid-Dipartiment sabiex il-COLA ma tibqax tiġi miżjuda mal-fattura li tintbagħat lil-Kunsilli Lokali u ir-Reġjun ma għandux iħallas għal din l-ispiża jekk qed tintalab mill-kuntrattur. Din id-deċiżjoni it-ttieħdet wara li ikkonsulta ma l-uffiċju ta' l-avukat tal-gvern. Matul is-sena 2023 il-Reġjun ta' Nofsinhar kien qed jintalab iħallas għal COLA mingħand il-kuntrattur u ir-Reġjun ġabarha mingħand il-Kunsilli. Ir-Reġjun qadd ma kien infurmat li din l-ispiża ma kellhiex tinġabar. Il-President tenna li Reġjun kien qed jitkellem ma l-avukat tal-Reġjun għaliex il-Kuntrattur diġà indika li kien ser jikkontesta din id-deċiżjoni. Huwa fakkar li il-fatturi ta' Jannar 24 ma kienux jinkludu il-COLA.

**28.4** **Item: Preżentazzjoni ta' plakka kommemorattiva-Sena Reġjun Kulturali**

Il-President informa li qed jiġi propost li sir attività nhar is-Sibt 20ta' April 2024 bejn 9am u 11am bħala ringrazzjament lis-Sindki u Kunsilliera li servew matul din il-leġislatura. Waqt din l-attività ser jiġu preżentati plakka kommemorattiva marbuta ma sena Reġjun Kulturali lil kull Kunsill. L-attività ser jiġi preżentat il-logo il-ġdid li jkun qiegħed jintuża għal matul sena dedikat għal benesseri ( wellness).

Il-Kunsill qabel ma din il-proposta

**28.5** **Item: Preżentazzjoni tal- EV Van- Skema Lesa -Proġetti fil-Komunità**

Il-President informa li tnedija tal-EV Van li nxtara b'fondi mil-Skema Lesa Proġetti fil-Komunità ser issir nhar 24 ta' April 2024 fl-10am fejn it-Tribuna Ħal-Qormi. Għal din it-tnedija ser ikunu preżenti il-Ministru Byron Camilleri u Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli. Is-Sindku huma mistiedna li jattendu.

**28.6** **Item: Addendum- Kuntratt ġbir ta' Skart Kummerċjali**

Il-President informa li il-kuntratt ta' ġbir ta' l-iskart kummerċjali kien wasal biex jalaq għalhekk kien qed iressaq il-kommunikazjoni li irċieva mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex tintalab stima mingħand il-kuntrattur prezenti. Il-President tenna li qabel ma ssir it-talba għal addendum li Dipartiment tal-Kuntratti irrid jiġi zgurat mid-DLG u mil-Ministeru tal-Finanzi li Reġjun ser jingħata fondi li jkopru dawn l-ispejez addizzjonali. Jekk mhux ser tingħata garanzija dwar dawn il-fondi ir-Reġjun mhux ser ikollu flus bizzejjed biex iħallas u iwaqaf il-ġbir ta' skart kummerċjali.

Il-Kunsill qabel.

**28.7** **Skeda ta' Pagamenti;**

28.7.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 03/24A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

28.7.2 Wara mozzjoni mressqa min Kunsillier Sa. Carmen Borg u sekondat Sindku John Schembri il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**Rapporti**

**28.8** Ma kienx hemm rapporti

**28.9** **Affarijiet Oħra**

28.9.1 Il-President informa li kienet saret laqgħa mal-Wasteserve dwar tunnellaġġ ta' mixed waste min skips li ma kienux awtorizzati mir-Reġjun bejn April 23 u Diċembru 23. F'Jannar 2023 ir-Reġjun kien informa li dawn l-iskips ma humiex ta' Reġjun u kellhom jitneħħew mir-rapporti u mil-ispiża. Il-Wasteserve infurmaw illi ma jistawx jagħtu lura dawn l-ispejjeż. Il-President tenna li dan l-aġir mhux aċċettabbli u għalhekk intalab parir min għand l-avukat ta' Reġjun.

**28.10** **Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

28.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.00 u ġiet aġġornata għal nhar is-Sibt 20 ta' Mejju 2024

fil-11.15 am.

Konfermati llum 26 ta' Marzu 2024____________________

Jesmond Aquilina

President

Mariella Strout

Segretarju Eżekuttiv